

Brussell, 18 ta' April 2023
(OR. en)

8181/1/23
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0266(NLE)

SCH-EVAL 69
SIRIS 34
COMIX 164

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7194/23	
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika ta' Ċipru

1. L-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen mhux imsemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dak l-Att, għandhom japplikaw biss fi Stat Membru ġdid skont deċiżjoni tal-Kunsill għal dan l-għan, wara verifika f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ikkonċernati jkunu ġew issodisfati f'dak l-Istat Membru ġdid, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.
2. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922¹, li ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013².

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1).

² Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

3. Fit-28 ta' Mejju 2019, Ċipru ddikjara li kien lest li jiġi evalwat fil-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen. Madankollu, evalwazzjoni mwettqa skont il-proċeduri ta' hawn fuq għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċjali ta' Ċipru, kif rikonoxxut fil-Protokoll Nru 10 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.
4. L-evalwazzjoni ta' Schengen relatata mal-protezzjoni tad-data twettqet f'Ċipru f'Novembru 2019, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 applikabbli dak iż-żmien. Rapport ta' evalwazzjoni, adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020)8150, ikkonferma li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen b'rabta mal-protezzjoni tad-data ġew issodisfati f'Ċipru.
5. Dan għamilha possibbli li tiġi stabbilita data minn meta l-acquis ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), jista' japplika f'dan l-Istat Membru.
6. Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ser jippermetti li d-data reali tas-SIS tiġi ttrasferita lil Ċipru. L-użu konkret ta' din id-data ser jippermetti lill-Kummissjoni tivverifika l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS f'Ċipru. Din l-evalwazzjoni hija skedata li ssir f'Settembru 2023.
7. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew permezz tal-ittra tat-3 ta' Settembru 2021. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni favorevoli tiegħu fit-3 ta' Mejju 2022.
8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat, in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, qabel mal-abbozz ta' Deċiżjoni fis-7 ta' Marzu 2023.
9. Il-Coreper huwa għalhekk mistieden:
 - japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, u kif jinsab fid-dokument 7194/23; u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadottah, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
